

# Aħbar Tajba

Is 22, 19-23
S 137 (138) 1-2a.2bċ-3.b.8.b.ċ
Rum 11, 33-36
Mt 16, 13-20

"Hieni int, Xmun bin Ġona, għax mhux bniedem tad-demm **u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet."**

Kien hemm tifla li bdiet tmur għall-ewwel darba l-laqgħat tal-katekiżmu u meta marret lura d-dar, ommha staqsietha kif marret. It-tifla kienet bil-geddum għax ma tantx għoġobha x-xogħol. Ommha qaltilha biex tagħti ftit ġimgħat ċans biex tilħaq tidra. Ftit ġimgħat wara, it-tifla marret d-dar bi dmugħ kbar f'għajnejha u ommha staqsietha: "Xi ġralek?" It-tifla qaltilha: "Hemm bżonn nibqa' mmur għall-katekiżmu?" "Għaliex?" wegbitha ommha. "Għax kulħadd qed jitkellem fuq dan Ġesù u jien la qatt rajtu u lanqas ma ltqajt miegħu!"

Bħal din it-tifla, ħafna kienu dawk il-Lhud fi żmien Ġesù li kienu tant semgħu fuqu imma qatt ma kienu għadhom rawh. U għalhekk fl-Evanġelju naraw li kull fejn kien imur Ġesù ħafna kienu n-nies li kienu joħorġu biex jarawh u jisimgħuh.

Għalina llum l-affarijiet huma ftit differenti. Illum mhux ser niltaqgħu ma' xi ħadd li jgħidilna: "Isma Ġesù ser ikun is-suq jew qiegħed ħdejn il-port". Allura nistaqsu: "Mela fejn nista' niltaqa' ma' Ġesù llum?" "Fejn nista' mmur biex inkellmu?"

It-tweġiba hi li lil Ġesù nistgħu niltaqgħu miegħu f'ħafna postijiet differenti. Post fejn nistgħu niltaqgħu ma' Ġesù hu waqt il-quddiesa. Permezz taż-żewġ partijiet importanti tal-quddiesa għandna ċ-ċans nisimgħu kliemu u mhux biss niltaqgħu miegħu imma nirċevuh fina. Fil-bidu tal-quddiesa niltaqgħu ma' Ġesù waqt il-qari mill-Iskrittura. "Min jisma lilkom ikun jisma' lili wkoll."(Lq 10, 16) Imbagħad fit-tieni parti tal-quddies, fil-Liturġija Ewkaristika, inħejju ruħna bit-talb biex nirċievu lil Ġesù fit-tqarbin. X'xorti għandna li mhux biss niltaqgħu ma' Ġesù imma li nirċevuh fina!

Fost il-postijiet l-oħra fejn se niltaqgħu ma' Ġesù nistgħu nsemmu ċ-ċentru tad-duttrina bħall-MUSEUM, xi għaqda tal-parroċċa kif ukoll kull "fejn tnejn jew iktar jiltaqgħu f'ismi hemm jien f'nofshom". (Mt 18, 20)

Fl-aħħar nett nilaqgħu ma' Ġesù kull darba li ngħinu lil xi ħadd. "Min jgħin lill-iżgħar fost dawn ħuti ikun qed jgħin lili." (Mt 25, 40). Għalhekk, fil-jiem li ġejjin ejjew fost l-affarijiet li nagħmlu fil-jiem tagħna, nistinkaw biex niltaqgħu ma' Ġesù permezz ta' dawn il-modi li semmejna.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** ĊESARIJA, FILIPPU, ĠESÙ, DIXXIPLI, BIN, BNIEDEM, ĠWANNI, BATTISTA, ELIJA, ĠEREMIJA, MESSIJA, BLATA, KNISJA, IMFIETAĦ

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | I | N | A | R | Ċ | Ġ | E | S | Ù |
| I | B | N | IE | D | E | M | B | Ġ | M |
| X | I | I | N | I | S | E | L | W | Ġ |
| X | N | N | A | S | A | S | A | A | E |
| I | B | I | N | O | R | S | T | N | R |
| P | A | V | B | L | I | I | A | N | E |
| L | T | E | K | A | J | J | GĦ | I | M |
| I | T | E | N | IE | A | A | M | S | I |
| F | I | L | I | P | P | U | W | L | J |
| I | S | O | S | W | E | T | A | Ċ | A |
| L | T | J | J | M | A | N | T | E | L |
| I | A | A | A | L | M | R | U | K | S |
| P | I | M | F | IE | T | A | Ħ | A | W |
| P | E | L | I | J | A | I | T | O | N |





## Nitolbu għall-għożża u għall-kura tal-ambjent

Tajjeb infakkru li nhar l-1 ta' Settembru, fil-Knisja se nitolbu għall-kura u l-għożża tal-ambjent. Fost il-ħafna rigali li s-Sinjur Alla jagħtina, żgur li l-ħolqien huwa wieħed mill-ikbar rigali tiegħu. Issa l-aħjar mod biex nirringrazzjaw lil Alla ta' dan ir-rigal hekk kbir hu li nieħdu ħsiebu. Naħseb bħali tieħdu gost matul il-jiem sħan tas-sajf bil-bajjiet sbieħ tagħna. Imma importanti li nżommu dawn il-bajjiet nodfa. Hekk ukoll il-kampanja li fil-jiem aktar friski ġieli noħorġu fiha għal xi mixja. Fl-1 ta' Settembru se nirringrazzjaw lil Alla ta' dan ir-rigal u fl-istess ħin se nitolbu biex is-Sinjur Alla jgħinna nifhmu kif nistgħu nieħdu ħsieb aħjar dan ir-rigal hekk kbir. Għax dan ir-rigal Alla mhux biss tah lilna, imma tahulna u fdana biex aħna wkoll ngħadduh lil dawk li ġejjin warajna.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION